# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 696

KAZ NRU. 733

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Buttigieg

u

Medairco Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 11 ta' Marzu 1996

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 2 ta' Dicembru 1992 b'referenza ME 62/92/72 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tnax-il seduta.

Anthony Buttigieg, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Edward Woods LL.D. waqt li Medairco Ltd., il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet assistita mill-Avukat Ivan Gatt LL.D.

L-impieg ta' l-appellant kien gie terminat "on grounds of redundancy" izda hu qal li tkecca minghajr gustifikazzjoni.
Il-Kumpanija fl-"istatement of case", fit-trattazzjoni u fis-sottomissjonijiet finali bbazat il-kaz taghha fuq gustifikazzjoni tat-tkeccija ghaliex l-appellant gie meqjus bhala "redundant". Fil-fatt il-Kumpanija ressqet eccezzjoni li ghal din ir-raguni t-Tribunal ma kienx kompetenti biex jisma' l-kaz ghaliex ma jirrigwardax tkeccija ngusta fis-sens li tirrekjedi l-ligi.
Fid-Decizjoni Preliminari Numru 684 tat-12 ta' Frar 1996 it-Tribunal iddecieda li ma jistax jaccetta t-tezi tal-Kumpanija li l-impieg ta' l-appellant gie terminat ghal ragunijiet ta' "redundancy" u cahad l-eccezzjoni. Il-kaz kellu jitkompla biex jigi determinat jekk it-tkeccija saretx ghal raguni tajba u sufficjenti.
It-Tribunal wara li ezamina ix-xhieda u d-dokumenti u qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment fil-kuntest tad-decizjoni preliminari jsib li :

1. Ghall-istess ragunijiet li nghataw fid-Decizjoni Preliminari tat-12 ta' Frar 1996 it-terminazzjoni ma kienetx gustifikata fuq "grounds of redundancy" u
2. Ma rrezultax li kien hemm xi raguni ohra sufficjenti biex tiggustifika tkeccija.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija ma saretx ghal raguni tajba u sufficjenti u jordna li l-Kumpanija ghandha thallas lill-appellant l-ammont ta' Lm 600 (sitt mitt lira Maltin) bhala kumpens.

Dan il-pagament ghandu jsir mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 1996.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona

Chairman

George Attard

Segretarju